MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2013

Numru. 1326/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY CASSAR**

**VS**

**JOSEPH SPITERI**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joseph Spiteri, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 575656 (M).

**Akkuzat talli:**

Fil-Kalkara, fil-lejl ta` bejn it-30 u l-31 ta` Dicembru, 2006 bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe` ferita gravi fuq il-persuna ta` Samuel Ghiller, Luke Ghiller, Jonathan Coleiro u Clayrton Lucchese, ilkoll mill-Kalkara, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt meta habb ghall-istess persuni b'arma li taqta` u li tniggez, liema deliltt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu;

U aktar talli fl-istess lok, jum, hin u cirkustanzi kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta` u jniggez minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni l-provi prodotti u semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 41 (1) (a), 216, 480 (6) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Fil-konfront tal-istess Joseph Spiteri, in ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputat, ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-Prosekuzzjoni ma jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief illi ssib lill-imputat hati kif akkuzat. Fir-rigward tal-piena l-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat, il-mahfra, ir-rinunzja tal-azzjoni kriminali da parti tieghu versu l-ohrajn, tiddikjara li piena karcerarja esekuttiva m'hijiex idonea fil-konfront tieghu. Wara lil hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-fatt li huwa kellu fil-pussess teighu arma bil-ponta u li taqta` tilliberah bil-kundizzjoni li ma jkkommettix reat iehor ghal zmien tmintax (18) -il

xahar millum a tenur tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 466 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------